# QORTI ĊIVILI - PRIM AWLA
# Sede Kostituzzjonali

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja (8) ta' Ġunju 2022**

**Rikors Numru 362/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Goran Stajonovski**

**Vs**

**Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 21 ta' Mejju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi r-rikorrenti kien mixli għal diversi reati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha bħala Qorti Istruttorja;*

*Illi rikorrenti tressaq bl-arrest permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, u tressaq quddiem l-Qorti tal-Maġistrati nhar is-sittiax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

*Illi matul il-kumpilazzjoni, r-rikorrenti intavola diversi rikorsi fejn talab għal ħelsien mil-arrest, fejn kollha ġew miċħuda in vista tal-biżat ravviżati fl-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi indubbjament, mill-atti relattivi tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. James Grech) vs Goran Stojonovski, jista' faċilment jiġi kkonfermat li r-rikorrenti ilu arrestat għal aktar min sitta u għoxrin (26) xahar;*

*Illi r-rikorrenti qiegħed umilment jagħmel referenza għal żewġ (2) rikorsi partikolari, wieħed fix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u l-ieħor fix-xahar ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fejn permess tad-digrieti relattivi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ċaħdet l-istess stante li l-Qorti tal-Maġistrati rat li r-rikorrenti ma jissodisfax il-vot rikjest sabiex jingħelbu l-biżat ravviżati fil-Kodiċi Kriminali;*

*Illi fir-rikorsi supra indikati, r-rikorrenti inċita l-artikolu 575 (6)(a)(iii), li fl-umli fehma tal-istess huwa ċar kristall, u ċioe' li l-Onorabbli Qorti ma setgħatx tiċħad it-talba għal ħelsien mill-arrest ġialadarba kien konfermat li r-rikorrenti kien ilu inkarċerat għal tal-inqas għoxrin (20) xahar.*

*Illi huwa kruċjali li jiġi menzjonati r-risposti tal-Avukat Ġenerali għal rikorsi intavolati mir-rikorrenti, fejn ikkonferma u aċċetta id-dettami tal-artikolu f'dan l-isfond talab lil istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, fil-kompetenza tagħha ta' Qorti Istruttorja, sabiex tiżgura li jkun hemm obbligi sufficjenti n vista' li jrid jingħata l-ħelsien mil-arrest;*

*Illi r-rikorrenti segwa wkoll dak stipulat fl-artikolu 582 tal-Kodiċi Kriminali, u bħala imputat intavola r-rikorsi għall-ħelsien mill-arrest fiż-żmien propizju;*

*Illi sfortunatament, minħabba d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha bħala Qorti Istruttorja, ġie leż d-dritt sanċit mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, kif ukoll ksur flagranti tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali, hekk kif indikat qabel;*

*Illi f'dan ir-rigward r-rikorrenti qiegħed jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Rosario sive Sario Sultana vs Avukat Ġenerali u Spettur Louise Calleja****, fejn ġie ritenut, anke fuq skorta ta' Ġurisprudenza Ewropea, li kien hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, nonostante' l-fatt li l-imputat kien naqas milli jintavola t-talba tiegħu għal-ħelsien mill-arrest entro t-terminu prefiss mil-Liġi;*

*Illi fuq l-istess linja ta' ħsieb, pero b'differenza kruċjali, stante li fil-każ de quo r-rikorrenti intavola it-talba tiegħu, għal darba darbtejn, liema d-drittijiet tar-rikorrenti ġew kalpestati minħabba id-deċiżjoni żbaljata tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġħġobha:*

1. *Tiddikjara li minħabba d-deċiżjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha bħala Qorti Sturttorja, ġie leż id-dritt fundamentali sancit mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u*

2. *Konsegwentement, tiddikjara li d-digrieti tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati huma in vjolazzjoni tal-artikolu 575 (6)(a)(iii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u*

3. *Konsegwentament tordna li tali digrieti jiġu dikjarati mingħajr effett, u filwaqt li tordna li r-rikorrenti għandu jingħata l-ħelsien mil-arrest, u*

4. *Tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni non-pekunjarji għall-vjolazzjoni supra indikata, u*

5. *Tikkundanna lil konvenuti sabiex iħallas l-kumpens hekk likwidat, u*

6. *Tagħti kull ordni u/jew provvediment ieħor din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura li d-drittijiet tar-rikorrenti jkunu protetti.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-1 ta' Ġunju 2021.

3. Rat ili fil-31 ta' Mejju 2021, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

> *Illi rikorrent inġab Malta in esekuzzjoni ta` Mandat ta` Arrest Ewropew u tressaq fis-16 ta` Frar 2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat li wettaq żewġ hold-ups fost reati oħra. Illi r-rikorrent qed jallega li hu ilu arrestat il-ħabs iktar milli timponi il-liġi (għoxrin xahar) u b`hekk ġie vjolat id-dritt tiegħu tal-liberta` tal-persuna.*
>
> *Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*
>
> *1. Illi in linea preliminari in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, r-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta għandu a disposizzjoni rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Illi minn qari anke superfiċjali tar-rikors promotur jirriżulta li dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa essenzjalment li qed jinżamm arrestat il-ħabs illegalment għaliex it-terminu perentorju li jsemmi l-artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali għadda. Jekk ir-rikorrent huwa tal-fehma li fil-preżent id-detenzjoni kontinwata tiegħu hija illegali għaliex ġie vjolat l-artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali, hu jista' dejjem juża l-proċedura stabbilita tal-habeas corpus kif jipprovdi l-artikolu 412B tal- Kap 9.*
>
> *2. Illi fil-mertu, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jibda biex jingħad li dawn l-artikoli huma intiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont dawn l-*

*artikoli dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u ċioe' li l-indivdwu jiġi mħares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u dan stante li dawn l-artikoli jikkontjenu lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-liberta' ta' xi persuna. Waħda mir-raġunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' hija dik maħsuba fil-paragrafu (c) tal-istess artikolu u ċioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u effettwata sabiex il-persuna tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat. In kwantu għas-suspett raġonevoli meħtieġ skont l-Artikolu 5 (1) (c) imsemmi, il-kriterju tar-raġonevolezza huwa wieħed oġġettiv. Suspett raġonevoli jippresupponi l-eżistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw li osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkomettiet reat. L-istess insibu fl-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-arrest tar-rikorrenti sar ai termini tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li l-Pulizija kienet sodisfatta bl-eżistenza tar-rekwiżit ta' suspett raġonevoli kemm sabiex tarresta u kemm sabiex tressaq lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'akkużi ta' reat kriminali.*

*3. Illi ġialadarba ġie stabbilit li l-arrest inizjali kif ukoll il-preżentata b'arrest tar-rikorrenti kien imsejjes u mqanqal fuq suspett raġonevoli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni il-pass li jmiss huwa li wieħed jeżamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni/arrest tar-rikorrenti huwiex ġustifikat u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni.*

*4. L-istitut tal-pleġġ (libertà provvizorja) jappartjeni għad-dritt penali u jaqa' fi ħdan il-parametri (mansjonijiet) tal-qrati li jgawdu minn ġurisdizzjoni kriminali. L-għoti tal-libertà provviżorja jew iċ-ċaħda tal-istess għandhom jiġu deċiżi esklussivament mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni penali. Hemm raġuni għal dan. Huma l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni penali li jinsabu fl-aqwa pożizzjoni sabiex jevalwaw u jikkonstataw jekk persuna timmeritax il-ħelsien mill-arrest. Għalhekk qrati kriminali għandhom jeżerċitaw tali diskrezzjoni mhux biss għax il-persuna li titlob tali libertà provviżorja trid isserraħ moħħ il-Qorti illi ser tidher quddiemha meta hekk ordnata minn tali Qorti iżda għaliex hija l-istess qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li hija mogħnija biżżejjed b'ottika u vista pjena taċ-ċirkostanzi kollha tal-persuna li għandha quddiemha. Ma jeżisti l-ebda dritt awtomatiku għall-ħelsien mill-arrest, ħlief kif u jekk provvdut espressament mill-Liġi. Din hija regola ġenerali li tista' tammetti ftit eċċezzjonijiet purchè dawk huma ikkontemplati mill-liġi, u ċioè dawk naxxenti mill-Artikolu 575(1) tal-Kapitolu 9 (tal-Kodiċi Kriminali).*

*5. Fil-kors tal-proċeduri kriminali r-rikorrenti ppreżenta rikorsi sabiex jinħeles mill-arrest liema talbiet ma ntlaqgħux u dan peress li l-Qrati ta` ġurisdizzjoni kriminali ma ħassewx li kien għaqli li r-rikorrenti jinħeles mill-arrest u dan abbażi tar-raġunijiet dettaljati li l-istess Qrati taw fid-digrieti tagħhom. Hemm diversi raġunijiet li wasslu sabiex il-Qorti tal-Maġistrati ma takkordax il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti. Ir-rikorrent huwa persuna*

*barranija li ma għandiex rabtiet sodi ma' Malta u wisq inqas għandu indirizz fiss jew post fejn joqgħod. Fil-fatt huwa kien inġieb Malta fil-15 ta' Frar tal-2019 permezz ta' European Arrest Warrant (EAW) wara li ġie arrestat fil-Polonja sabiex ikun jista' jidher għall-proċeduri f`Malta. Għalhekk, jekk ir-rikorrent jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest hemm il-periklu li jaħrab minn Malta jew ma jobdix l-ordnijiet tal-Qorti.*

*6. L-esponent huwa ben konsapevoli illi hekk kif jirriżulta mill-atti tal-kawża r-rikorrent ilu aktar minn għoxrin xahar arrestat u għalhekk hekk kif jitlob l-artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali huwa għandu jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija. Pero` evidentement il-Qorti tal-Maġistrati xorta ċaħdet it-talbiet għal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent għaliex irriskontrat raġunjiet tant serji li minkejja dak li jgħid l-artikolu 575(6)(a)(iii) dehrilha li jeżistu overriding factors li jiġġustifikaw l-arrest kontinwat tar-rikorrenti. Għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti huwa b'xi mod kappriċċjuż, speċjalment tenut kont tal-fatt li l-Qorti ċaħdet t-talba għall-ħelsien mill-arrest abbażi ta' diversi kriterji. Il-Qorti tal-Maġistrati ikkonstatat illi teżisti dik il-biża reali u attwali ravviżata fl-artiklu 575 tal-Kodiċi Kriminali li tiġġustifika pjenament id-detenzjoni preventiva kontinwata tar-rikorrenti. Dan huwa l-pern tal-kweżit legali issollevat permezz tar-rikors promotur. Jekk din il-biża reali u attwali għadha tissussisti, m`għandiex tkun din l-Onorabbli Qorti ta` ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tbiddel ir-realta` ġudizzjarja stabbilita mil-qrati kriminali.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u f`każ biss li din l-Onorabbli Qorti issib li l-arrest kontinwat tar-rikorrenti huwa wieħed arbitrarju li jikser l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, r-rimedju m`għandux ikun li tkun din l-Onorabbli Qorti stess li tagħti l-ħelsien mill-arrest iżda semmai għandu jkun hemm dikjarazzjoni ta` ksur tal-jedd invokat mir-rikorrent b`dan li jiġi a konjizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex tieħu l-provvedimenti opportuni.*

*Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi **<u>fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Qorti ġiet mgħarrfa mir-rikorrent illi huwa kien għadu kemm ingħata il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja</u>**.

5. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Qorti ordnat illi tingħata kopja tal-proċeduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent u li fihom kien hemm il-proċeduri għall-ħelsien mill-arrest illi ġew miċħuda u li dwarhom huwa ressaq l-proċeduri odjerni.

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Joyce Agius**, bħala rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2021, fejn għarrfet lill-Qorti illi kienet għadha qed tistenna awtorizazzjoni sabiex teżebixxi l-atti tal-proċeduri fuq imsemmija.

7. Rat illi sussegwentement il-Qorti ingħatat vera kopja tal-proċess intjier tal-proċeduri fuq imsemmija.

8. Rat illi fl-14 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' varji verbalijiet u digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. (fol 20).

9. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2022, l-Avukat tal-Istat għarraf lill-Qorti illi qed ikollhom diffikulta jiġbru kopja tal-bail conditions mingħand l-Avukat Ġenerali u talbu differiment sabiex ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom.

10. Rat illi fl-24 ta' Marzu 2022, xehed ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, Franklyn Calleja, illi eżebixxa vera kopja tad-Digriet u Kundizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti lir-rikorrent fl-10 ta' Ġunju 2021, li l-Avukat Ġenerali rrifjuta illi jgħaddi lill-Avukat tal-Istat.

11. Rat illi fl-24 ta' Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali wara illi l-partijiet għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

12. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Il-perkors tal-Proċeduri Kriminali**

13. Jirriżulta, mill-provi dokumentarji, ossija l-atti tal-proċeduri kriminali '**Il-Pulizija (Spett James Grech vs Goran Stojanovski**' illi, permezz ta' Mandat t'Arrest Ewropew, ir-rikorrent ġie arrestat ġewwa l-Polonja fis-26 ta' Diċembru 2018 u estradit lejn Malta fil-15 ta' Frar 2019.

14. Jirriżulta illi l-arrest seħħ bħala riżultat ta' investigazzjonijiet dwar żewġ serqiet aggravati, waħda ġewwa l-'Western Union Foreign Exchange Bureau' f'San Pawl il-Baħar li seħħet fl-10 ta' Awissu 2018, u oħra fil-'Corinthia Lido, San Ġiljan, li seħħ fit-12 ta' Awissu 2018.

15. Jirriżulta illi fis **16 ta' Frar 2019**, l-għada li nġieb Malta, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, b'varji akkużi in konnessjoni maż-żewġ inċidenti fuq imsemmija, fosthom, serq ta' flus, żamm ta' persuni kontra l-volonta tagħhom u ġrieħi ħfief konsegwenzjali, kif ukoll użu ta' arma u falsifikazzjoni ta' dokumentazzjoni varja.

16. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent ġie akkużat li kien ukoll reċidiv abbażi ta' sentenzi tal-Qrati tar-Repubblika tal-Maċendonja.

17. Jirriżulta illi bejn il-21 ta' Frar 2019 u d-19 ta' Settembru 2020, saru għoxrin seduta fejn instemgħu ħamsa u għoxrin (25) xhieda u ġew eżebiti l-atti ta' inkjesti maġisterjali konnessi mal-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent.

18. Jirriżulta illi fis-17 ta' Settembru 2020, il-Pulizija ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'jippreżentaw.

19. Jirriżulta, madanakollu, fil-15 ta' Ottubru 2020, l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti lura lill-Qorti sabiex jiġu inseriti t-traskrizzjoni ta' xhieda mogħtija iżda mhux inseriti, jsiru t-traduzzjonijet ordnati mill-Qorti u tieħu konjizzjoni ta' xhieda oħra tal-Pulizija.

20. Jirriżulta illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, irriżulta illi t-traskrizzjonijiet kienu għadhom ma daħlux u t-traduzzjonijiet kienu għadhom ma sarux, u għalhekk, filwaqt illi l-Prosekuzzjoni reġgħet għal darba oħra ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta, l-atti ġew mibgħuta mill-ġdid lill-Avukat Ġenerali.

21. Jirriżulta illi fid-19 ta' Novembru 2020, l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-atti lura sabiex jiġu inseriti t-traskrizzjonijiet illi kienu għadhom ma sarux u, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, ma sar xejn għax l-imputat ma deherx il-Qorti.

22. Jirriżulta illi fis-seduta tal-31 ta' Diċembru 2020, seduta ma saritx u ġiet differita għall-4 ta' Frar 2021.

23. Jirriżulta illi, fil-**15 ta' Jannar 2021**, ir-rikorrent għamel rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab illi jingħata il-Ħelsien mill-Arrest, liema rikors ġie appuntat għas-smigħ għad-19 ta' Jannar 2021, fejn ir-rikorrent naqas milli jidher quddiem il-Qorti, u għalhekk it-talba ma ġietx ulterjorment ikkunsidrata mill-Qorti.

24. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-**2 ta' Frar 2021**, ir-rikorrent reġa', għal darba oħra, ippreżenta rikors għall-ħelsien mill-arrest, din id-darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta bħala Qorti Istruttorja, liema rikors ġie trattat mill-abbli difensuri tal-partijiet fl-4 ta' Frar 2021 u sussegwentement miċħud mill-istess Qorti fl-**10 ta' Marzu 2021** fejn, inter alia, ġie osservat illi r-rikorrent ma kellux rabtiet sodi ma' Malta u nġieb Malta permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u għalhekk il-posibbilta' li jinħeba jew jitlaq minn Malta kienu reali.

25. Jirriżulta illi fit-**18 ta' Marzu 2021**, ir-rikorrent reġa' ppreżenta rikors għall-ħelsien mill-arrest, din id-darba quddiem il-Qorti Kriminali, minn liema talba l-Qorti astjeniet fit-22 ta' Marzu 2021 stante illi t-talba saret quddiem il-Qorti żbaljata.

26. Jirriżulta illi fit-**23 ta' Marzu 2021**, ir-rikorrent, għal darba oħra, ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, liema rikors ġie trattat u deċiż fil-**15 ta' April 2021**, fejn il-Qorti, għal darba oħra, għall-istess raġunijiet ġia mogħtija fid-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu 2021, ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest.

27. Jirriżulta illi fit-**30 ta' April 2021**, ir-rikorrent, għal darba oħra, reġa' ppreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja, li ġie trattat mill-abbli difensuri tal-partijiet fit-3 ta' Ġunju 2021.

28. Jirriżulta illi, fl-**10 ta' Ġunju 2021**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja, degretat it-talba tar-rikorrent li saret fit-30 ta' April 2021, fejn laqgħet it-talba għall-ħelsien mill-arrest, b'kundizzjonijiet varji kif jidhru fid-Digriet u Kundizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest degretat dakinhar stess.

29. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fil-21 ta' Mejju 2021, ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni fejn ir-rikorrent stqarr is-segwenti:

> *Illi r-rikorenti qiegħed umilment jagħmel referenza għal żewġ (2) rikorsi partikolari, wieħed fix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (sottolinjar tal-Qorti) u l-ieħor fix-xahar ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (sottolinjar tal-Qorti), fejn permess tad-digrieti*

*relattivi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ċaħdet l-istess stante li l-Qorti tal-Maġistrati rat li r-rikorrenti ma jissodisfax il-vot rikjest sabiex jingħelbu l-biżat ravviżati fil-Kodiċi Kriminali;*

30. Jirriżulta illi għalhekk, ir-rikorrent, permezz tal-proċeduri odjerni, talab li jiġi deċiż illi, permezz ta' dawk iż-żewġ deċiżjonijiet, id-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ġew lilu leżi.

**Difiża**

31. Jirriżulta illi l-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali, fid-difiża konġunta tagħhom, qajjmu varji difiżi, kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-meritu.

Eċċezzjonijiet preliminari.

32. Il-Qorti, madanakollu, jidhirlha illi jkun opportun illi tibda billi tqis l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati qabel ma tgħaddi beix tikkunsidra l-kwistjoni fil-meritu.

33. L-eċċezzjoni ta' l-intimati konġunta tgħid dan li ġej:

*.... in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta għandu a disposizzjoni rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.*

*Illi minn qari anke superfiċjali tar-rikors promotur jirriżulta li dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa essenzjalment li qed jinżamm arrestat il-ħabs illegalment għaliex it-terminu perentorju li jsemmi l-artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali għadda.*

*Jekk ir-rikorrent huwa tal-fehma li fil-preżent id-detenzjoni kontinwata tiegħu hija illegali għaliex ġie vjolat l-artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali, hu jista' dejjem juża l-proċedura stabbilita tal-habeas corpus kif jipprovdi l-artikolu 412B tal- Kap 9.*

34. Jirriżulta illi l-bażi tad-difiża ta' l-intimati hija illi, ladarba r-rikorrent qiegħed jikkontenti illi l-arrest tiegħu ma huwiex wieħed leġittimu, għalhekk ir-rikorrent kellu jipproċedi b'talba taht l-Artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali, illi jgħid dan li ġej:

*(1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat li dwaru jkun qed jiġi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li, f'kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bħal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ b'urġenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jiġi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.*

35. L-intimati jikkontendu illi, ladarba naqas milli jmexxi tali proċeduri, huwa kien naqas milli jeżawrixxi r-rimedji kollha tiegħu qabel ma ppreżenta rikors quddiem dina l-Qorti, u għalhekk l-azzjoni odjerna għandha tiġi miċħuda.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

36. Il-Qorti tibda billi tosserva illi t-talba tar-rikorrenti hija illi jiġi dikjarat li, riżultat ta' żewġ digrieti mogħtija "*wieħed fix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin, u l-ieħor fix-xahar ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin*" huwa sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

37. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma huwiex aċċettabbli illi akkuża ta' dana it-tip u att ppreżentat quddiem Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali jiġi ppreżentat b'mod daqshekk leġġer, astratt u approssimattiv fejn ir-rikorrent lanqas kien kapaċi jindika d-dati tad-digrieti li dwarhom huwa qed jilmenta, minkejja illi huwa kellu ċertament fil-pussess tiegħu tali digrieti.

**38. Tali leġġerezza u nuqqas ta' serjeta fil-kontenut tar-rikors promotur ma tistax ma tiġix kastigata w kundannata minn dina l-Qorti w hija indikazzjoni ċara tan-nuqqas ta' rispett w importanza illi l-proċeduri Kostituzzjonali llum il-ġurnata spiċċaw bdew jingħataw, fejn kawżi Kostituzzjonali, għal kull ħaġa ta' xejn, jiġu ppreżentati bl-addoċċ u mingħajr ebda ħsieb jew preparazzjoni, bir-riżultat illi proċeduri ta' solennita bħalma huwa dawk ta' natura Kostituzzjonali spiċċaw ġew ridotti bħallikieku hija kawża frivola fuq kwistjoni pwerili u ta' ftit importanza.**

39. Dana l-ħsieb iwassal lill-Qorti sabiex tikkunsidra d-difiża ta' l-intimati, ossija illi l-proċeduri odjerni ma messhom qatt saru peress illi r-rikorrent ma kienx eżawrixxa l-azzjonijiet kollha fil-pussess tiegħu.

40. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tosserva illi, kif jirriżulta mill-perkors tal-proċeduri kriminali kif elenkati aktar 'il fuq, ir-rikorrent għamel l-ewwel talba tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali fil-15 ta' Jannar 2021, iżda sussegwentement naqas milli jidher quddiem tali Qorti.

41. Mill-banda l-oħra, għaż-żewġ digrieti illi huwa preżunt li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, ossija dawk tal-10 ta' Marzu 2021 u tal-15 ta' April 2021, ir-rikorrent kien preżenti w assistit u l-Qorti għaddiet biex ċaħdet it-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, liema talbet kienu saru dejjem a tenur tal-Artikolu 575 (6) (a) (iii) tal-Kap 9.

42. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, għalkemm il-perjodu ta' għoxrin xahar kien skada f'Ottubru 2020, f'ebda mument mar-rikorrent qatt intavola rikors ta' *habeas corpus* a tenur tal-Artikolu 412B tal-Kap 9, biex jikkontesta l-arrest abbażi tal-fatt illi ma kienx wieħed leġittimu skond il-Liġi.

43. Il-Qorti tirrileva illi, ladarba ir-rikorrent qiegħed jinsisti illi l-arrest tiegħu wara l-perjodu ta' għoxrin xahar kien wieħed illegali, u għalhekk huwa sofra leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu, wieħed kien jistenna illi, għal ta' l-anqas, qabel ma jintavola proċeduri Kostituzzjonali, huwa jipproċedi biex jitlob dikajrazzjoni li l-arrest tiegħu kien wieħed illegali. Madanakollu, kif inhija l-prassi llum il-ġurnata, dana huwa baqa' qatt ma għamlu, għalkemm kellu kull dritt illi jagħmlu, u minflok, pproċeda minnufih biex jintavola l-proċeduri odjerni **wara** illi, saħansitra, kien intavola, mill-ġdid, rikors

ieħor għall-ħelsien mill-arrest, u mhux azzjoni *habeas corpus*, liema rikors kien għadu pendenti sabiex jiġi deċiż meta ppreżenta r-rikors Kostituzzjonali odjern.

44. Għaldaqstant, jirriżulta ċar illi r-rikorrent ma kienx eżawrixxa r-rimedji kollha tiegħu qabel ma' talab lill-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara illi l-arrest tiegħu kien wieħed illegali.

45. Il-Qorti, wkoll, ma tistax ma tosservax illi filwaqt li l-proċeduri odjerni inbdew fil-21 ta' Mejju 2021, attwalment fit-30 ta' April 2021, xahar qabel dawn il-proċeduri, ir-rikorrent kien ppreżenta rikors ieħor għall-ħelsien mill-arrest, liema rikors eventwalment ġie trattat u deċiż, a favur tiegħu, fl-10 ta' Ġunju 2021, ossija ftit wara illi nbdew il-proċeduri odjerni – tul il-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qatt ma għamel refereza għal fatt illi sussegwentement ingħata l-ħelsien mill-arrest u għalhekk il-Qorti ma għandhiex tqis it-talbiet kollha minnu redatti fir-rikors promotur – tali dettall ma kienx importanti, milli jidher, għar-rikorrent.

46. Din il-Qorti wisq tibża' illi l-proċeduri Kostituzzjonali odjerni ma kinux intiżi sabiex jiġi dikjarat leż xi dritt illi r-rikorrent seta' kkontenda illi kellu, iżda kienu intiżi unikament sabiex jitfgħu pressjoni fuq il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istrutturja biex tilqa' t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest, liema talba di fatti ġiet milqugħ wara illi ġiet appuntata għas-smiegħ u bdiet tinstema' l-kawża odjerna.

47. Din il-Qorti, filwaqt illi tifhem li r-rikorrent seta' kellu dritt illi jingħata il-ħelsien mill-arrest, kif del resto eventwalment ingħata, ma tistax ma tirrilevax, għal darba, l-abbuż illi sar da' parte tar-rikorrent, tal-proċeduri Kostituzzjonali odjerni, aktar u aktar meta kellu a disposizzjoni tiegħu proċeduri ad hoc, magħrufa bħala proċeduri *habeas corpus*, ipprovduti lilu fl-Artikolu 412B tal-Kap 9, li kieku kienu adoperati mir-rikorrent, setgħu ċertament ikollhom l-eżitu mixtieq mir-rikorrent.

48. Dawna l-konsiderazzjonijiet kollha ser jiġu riflessi fid-deċiżjoni finali tagħha, fejn il-Qorti tgħaddi biex tiffissa d-danni, jekk jirriżulta illi huma hekk dovuti.

**Eċċezzjonijet fuq il-meritu**

49. Fil-meritu, l-intimati saħqu illi l-arrest tar-rikorrent kien wieħed ġustifikat u sar ai termini tal-Kodiċi Kriminali filwaqt illi nsistew illi l-kriterju tar-raġjonevolezza kien intlaħaq.

50. L-intimati insistew ukoll illi l-prerogattiva sabiex r-rikorrenti jingħata il-ħelsien mill-arrest hija tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u għalhekk jispetta li dawn il-Qrati, u mhux dik odjerna, sabiex tqis jekk ir-rikorrent għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest, u tipproċedi biex tikkonċedieh.

51. Finalment, l-intimati stqarrew ukoll illi, filwaqt li huma konsapevoli tal-fatt illi r-rikorrent ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest wara t-trapass tal-għoxrin xahar, insistew illi l-Qorti tal-Maġistrati kellha kull jedd li tikkonstata li kien jeżisti biża reali u attwali, kif ravviżata fl-Artikolu 575 tal-Kap 9, u kien abbażi ta' tali biża li t-talba għall-ħelsien mill-arrest kienet miċħuda, liema ċaħda, l-intimati jikkontendu, kienet waħda ġustifikata.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

52. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest, u dana fl-10 ta' Ġunju 2021.

53. Il-Qorti, għalhekk, tifhem illi t-talba tar-rikorrenti, partikolarment it-tielet talba, fejn il-Qorti intalbet li tagħtih il-ħelsien mill-arrest, illum il-ġurnata hija sorvolata u eżawrita, bir-riżultat illi l-argumentazzjoni tal-intimati dwar min għandu jagħti l-ħelsien mill-arrest ma għandhomx aktar rilevanza għall-proċeduri odjerni.

54. Dana jfisser illi l-unika ħaġa illi dina l-Qorti trid tikkonstata hija jekk attwalment, minħabba fid-deċiżjonijet tal-Qorti tal-Maġistrati, ġew leżi lilu d-drittjiet sanċiti mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

55. Il-leġislazzjoni rilevanti fil-każ odjern hija l-Artikolu 575 (5) tal-Kap 9, ossija il-Kodiċi Kriminali, illi jipprovdi dan li ġej:

> *"575. (5) Meta f'każ ta' persuna imputata ta' delitt li dwaru l-Qorti tal-Maġistrati tkun għaddiet għal kumpilazzjoni li tinħtieġ, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jew –*
>
> *(a) ippreżenta l-att tal-akkuża, jew*
>
> *(b) bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati kif provdut fl-artikolu 370(3)(a) jew fl-artikolu 433(5) ta' dan il-Kodiċi jew f'xi provvediment simili f'xi liġi oħra;*
>
> *fiż-żminijiet speċifikati fis-subartikolu (6), li jibdew jgħoddu minn dakinhar li fih il-persuna imputata tinġieb quddiem l-imsemmija qorti, jew minn dakinhar meta hija tiġi arrestata kif provdut fl-artikolu 397(5), dik il-persuna għandha tingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.*
>
> *(6) (a) Iż-żminijiet li għalihom jirriferi s-subartikolu li jiġi qabel dan huma:*
>
> ...
>
> ***(iii) għoxrin xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar'.***

56. Jirriżulta mhux ikkontestat illi r-rikorrent kien imressaq bl-arrest fis-16 ta' Frar 2019, wara illi kien inġieb Malta bil-proċedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew.

57. Jirriżulta illi l-perjodu ta' għoxrin xahar stabbiliti fil-Liġi, għandu jitqies illi skada fis-17 ta' Ottubru 2020.

58. Jirriżulta illi fil-15 ta' Jannar 2021, fit-2 ta' Frar 2021, fit-18 ta' Marzu 2021 u fit-23 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent intavola erbgħa rikorsi għall-ħelsien mill-arrest abbażi tal-fatt illi kienu għaddew il-perjodu ta' għoxrin xahar, iżda, filwaqt li r-rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali qatt ma ġew ikkunsidrati, ir-rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġew lilu miċħuda.

59. Jirriżulta illi, kien biss fl-10 ta' Ġunju 2021, ossija **<u>tmien xhur</u>** wara li skada t-terminu tal-għoxrin xahar, waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, u abbażi ta' rikors intavolat qabel

ma ġew imnieda l-proċeduri odjerni, illi eventwalment ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest.

60. Jirriżulta, mill-verbalijiet tas-seduti kollha illi saru wara illi skadew l-għoxrin xahar, illi r-rinviji kollha tal-Avukat Ġenerali, kienu qed isiru sabiex jiġu inseriti traskrizzjonijiet ta' xhieda miġbura iżda mhux inseriti fil-proċess kif ukoll sabiex jiġu ppreżentati sentenzi mogħtija kontra r-rikorrent fir-Repubblika tal-Macedonia li sa dak iż-żmien kienu għadhom mhux fil-pussess tagħhom. Il-Pulizija, da parte tagħhom, dejjem indikaw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

61. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa ċar illi f'dan il-każ il-prosekuzzjoni ma mxietx bid-diliġenza rikjesta fejn l-imputat baqa' taħt kustodja preventiva għal tmienja u għoxrin xahar, ossija tmien xhur aktar minn dak permess mil-Liġi, liema żmien la jista' jitqies bħala perjodu raġonevoli u wisq anqas legali.

62. Il-Qorti tosserva illi la darba r-rikorrent inżamm arrestat wara t-trapass tal-perjodu ta' għoxrin xahar, u minkejja li talab għall-ħelsien mill-arrest erbgħa darbiet, fejn id-darbtejn li t-talba tiegħu kien ikkunsidrata, dina ġiet lilu miċħuda, dana huwa suffiċjenti biex jitqies illi l-arrest tar-rikorrent kien wieħed illegali.

63. L-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi dan li ġej:

> *Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri."*

64. L-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jipprovdi dan li ġej:

> *(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut –*
>
> *(a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti; jew*
>
> *(b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali,*
>
> *u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża.*

65. In-nuqqas li r-rikorrent jingħata l-liberta provviżorja meta minnu mitlub, għal darba darbtejn, u wara t-trapass tal-perjodu stabbilit mill-Liġi ta' għoxrin xahar, ma tistax ma

titqiesx bħala leżjoni tad-dritt għal-liberta tal-persuna tar-rikorrent kemm taħt l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni kif ukoll taħt l-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha ta' l-intimati.

**Tilqa'** l-ewwel u tieni talba rikorrenti u tiddikjara illi ġew leżi lir-rikorrent id-dritt fundamentali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba stante illi r-rikorrenti ġia ngħata l-ħelsien mill-arrest.

**Tillikwida** l-kumpens dovut lir-rikorrenti għal-leżjonijet riskontrati u abbażi tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula fis-somma ta' **elf Euro (€1,000)**,

**Tikkundanna** lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf Euro (€1,000).

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tal-Avukat Ġenerali.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**